MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-28 ta' Frar, 2013

Appell Kriminali Numru. 232/2011

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Ivan Azzopardi**

Illum 28 ta' Frar, 2013
Il-Qorti,
Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant [detentur tal-karta tal-identita` numru 702761 (M)] quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Ghan nom u in rapprezentanza ta' Sarex Limite u/jew bhala persuna registrata mal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud dwar Eko Kontribuzjoni (Att XII ta' l-2004) u regolamenti maghmula bis-sahha ta' l-istess Att, waqt spezzjoni ta' sorpriza li sehhet nhar is-Sibt, l-1 ta' Awissu, 2009 gewa l-hanut Tip Toes – Pjazza San Gwann – Valletta, kellu fil-pussess u/jew taht il-kontroll tieghu u/jew kien qed jghamel uzu minn basktijiet li ma jikkonformawx ma' l-obbligazzjonijeit elenkati fir-Raba` skeda ta' l-imsemmi Att, u cioe` li kienu mankanti mid-dettalji li kellhom ikollhom stampati fuqhom, u dan bi ksur ta' artikolu 16(1) u 9B ta' l-Att dwar l-Eko Kontribuzzjoni.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-12 ta’ Mejju, 2011 fejn il-Qorti wara li rat l-artikolu 9B tal-Kapitolu 473 sabet lill-appellant hati ta’ limputazzjoni migjuba kontrih u kkundannatu ghal mult at’a elf Euro (€1,000.00).

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fl-20 ta’ Mejju, 2011 fejn talab lil din il-Qorti tirrevoka s-sentenza hawn fuq imsemmija mogtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fit-12 ta’ Mejju, 2011 in toto u minflok tillibera lill-esponenti minn kull htija u piena.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, huma s-segwenti w cioe':-

a. Illi waqt is-smiegh ta’ dawn il-proceduri in prim istanza, l-prosekuzjoni iddikjarat illi hija kienet taf bil-perjodu tranzitorju miftiehem mal-GRTU u dan gie kkonfermat ukoll mix-xhieda tal-appellant li kkonferma illi huwa membru tal-GRTU, li kienet dahlet fi ftehim mal-Ministeru u mad-Dipartiment tal-Vat u li permezz tieghu l-Kummissarju s-Sur Joe Sammut, bil-barka tal-Ministeru tal-Finanzi, kien ikkonferma illi l-membri tal-GRTU li setghu jzommu ammont zghir ta’ basktijiet ghal qadi` tal-klijentela taghhom dment li dawn ma jkunux eccessivi, fis-sens illi tal-hwienet setghu jzommu forsi mija (100) jew mitejn (200) basket sakemm jaslu l-basktijiet konformi mal-Ligi.

b. Illi l-ispezzjoni li waslet sabiex ittiehdu l-proceduri fil-konfront tal-imputat in prim’ istanza saret fl-1 ta’ Awissu, 2009;

c. Illi waqt is-smiegh tal-provi rrizulta wkoll illi minhabba d-dewmien fil-kunsinna tal-basktijiet il-godda konformi, l-imputat kellu jirrikorri ghal basktijiet tal-karta sakemm waslet l-addetta kunsinna u dan stante illi l-ammont zghir ta' basktijiet li kien zamm ghall-uzu waqt il-perjodu tranzitorju patwit kien sahansitra spicca;

d. Illi madanakollu ghalkemm dan kollu gie spjegat u kkonfermat kemm mid-difiza kif ukoll mill-prosekuzjoni, il-Qorti xorta wahda sabghet lill-imputat hati u ghaddiet ghas-sentenza kif intqal aktar l' fuq.

e. Illi l-imputat jirrileva illi huwa kien qieghed isegwi struzzjonijiet moghtija mill-GRTU in segwitu ghat-trattattivi li saru ghall-introduzzjoni tad-dispozizzjonijiet dwar l-Impozizzjoni ta' Eko-kontribuzzjoni fuq Basktijiet tal-Plastik, u ghalhekk hwua instab hati ingustament wara li l-Kummissarju tal-VAT ghazel li jenforza l-imsemmija dispozizzjonijiet kontra l-imputat bi ksur tal-ftehim gja' milhuq;

f. Illi l-imputat jilmenta finalment illi s-sentenza kienet ingusta stante illi c-cirkostanzi tal-kaz kienu biss dovuti ghal fatt illi l-imputat kien qieghed jezercita d-dritt kostituzzjonali tieghu ta' assocjazzjoni.

Ikkunsidrat.

Irrizulta mill-provi illi l-appellant huwa direttur tal-kumpanija illi ghandha hwienet maghrufa bhal Tip Toes fi Pjazza San Gwann, il-Belt. Waqt spezzjoni illi saret fl-1 ta' Awwissu, 2009 irrizulta illi salesgirl, wara illi bieghet oggett lill-klient poggiet dan l-oggett f'basket tal-plastic illi ma kienx skont il-ligi. Dan gie osservat minn Kenneth Abela li kien VAT Inspector fejn filwaqt li kkonferma li s-salesgirl harget ircevuta fiskali skont il-Ligi, l-oggett

tqieghed f'basket tal-plastic illi ma kellhomx id-dettalji skont il-Ligi. Kenneth Abela osserva wkoll illi kien hemm basktijiet tal-karti pero' s-salesgirl ma kienetx taf illi ma kelliex tuza dawk il-basktijiet tal-plastic. Connie Azzopardi mill-ufficcju legali tad-Dipartiment tal-VAT qalet illi skont il-Ligi jekk jinbieh basket tal-plstic irid isir il-hlas tieghu pero' f'dan il-kaz ma sarx. Is-salesgirl in kwistjoni Romina Camilleri xehdet illi kienet tahdem mal-hanut Tip Toes tal-Belt, pero' llum qieghda tahdem ma l-istess kumpanija tas-Sliema. Tiftakar illi kienet dahlet klijenta u xtrat zarbun u halsitha tieghu, poggiet iz-zarbun f'basket tal-plastic. Dak il-hin dahal l-Inspector tal-VAT Kenneth Abela u staqsiha jekk zammitx flus ghal basket u hi wegbitu illi ma kienetx ghamlet hekk. Qalet illi dak iz-zmien kellhom ordnati basktijiet tal-karta.
L-appellant Ivan Azzopardi xehed illi huwa Direttur tal-kumpanija illi tiggestixxi hwienet Tip Toes. Kien hemm perjodu tranzitorju fejn il-basktijiet tal-plastic kienu qed jigu "phased out" u jigu ntrodotti basktijiet tal-karta. F'dan il-perjodu kien hemm domanda enormi ta' dawn il-basktijiet u maljar spiccaw. Fil-fatt kienu spiccaw ghall-hwienet kollha u mhux biss ghalihom. Bhala membru tal-GRTU, osserva d-direttiva ta' din il-Union meta qalulu illi setghu juzaw il-basktijiet tal-plastic ghal xi ftit granet sakemm jircievu l-konsenja tal-basktijiet tal-karta. Huma kienu l-ewwel nies illi gabu basktijiet tal-karti pero' malajr spiccaw u ma setghux jordnaw minhabba d-domanda kbira illi kien hawn Malta u kienu juzaw il-basktijiet tal-plastic minn dawk illi kien ghad fadlilhom.
Ikkunsidrat.

L-appellant mhuwiex qieghed jinnega illi fiz-zmien illi saret is-surprise inspection il-Ligi kienet diga dahlet u ma kellhomx aktar jintuzaw basktijiet tal-plastic. Pero' argumenta illi ma kien hawn l-ebda fabbrika f'Malta illi tipproduci basktijiet tal-karti u dawn kellhom jigu kollha minn barra. Tal-hwienet kollha daru ghalihom u ma kienx possibbli illi jingibu f'Malta konsenja daqshekk kbira malajr sabiex tal-hwienet ikunu jistghu juzawhom flok il-basktijiet tal-plastic. Ghalhekk sar ftehim ghall- perjodu transitorju fejn tal-hwienet setghu juzaw basktijiet tal-plastic.

Ikkunsidrat.

Il-Qorti tirrealizza illi seta’ kien hemm perjodu tranzitorju bejn il-publikazzjoni tal-Ligi u l-infurzar taghha f’liema perjodu s-sidien tal-hwienet kellhom ikunu f’pozizzjoni illi jircievu l-basktijiet tal-karti u jkunu konformi biex meta l-Ligi tkun fis-sehh dawna jkunu lesti. Izda jidher illi l-appellant ma hax il-mizuri fil-hin. Din il-Qorti kellha l-okkazzjoni tikonsidra din is-sitwazzjoni fil-kawza “Il-Pulizija kontra Michael Mifsud” deciza minn din il-Qorti fit-13 ta’ Ottubru, 2011. F’dik il-kawza l-ispezzjoni saret fl-4 ta’ Gunju, 2009 u hemmhekk ingabu l-istess argumenti ta’ l-appellant f’din il-kawza u cioe’ illi ma kienx hemm zmien bizzejjed sabiex jigu ordnati u rcevuti l-basktijiet tal-karti. F’dan il-kaz kontra l-appellant l-ispezzjoni saret fl-1 ta’ Awwissu 2009. xahrejn wara l-ispezzjoni fil-kaz ta’ Michael Mifsud. Jekk l-appellant ma kienx f’pozizzjoni li jircievi l-basktijiet tal-karti f’dan il-perjodu meta z-zmien tranzitorju kien diga ghadda allura din hija turija ta’ traskuragni illi zgur m’ghandux ibati ghaliha l-erarju.

Ghalhekk, bhall-ewwel Qorti din il-Qorti tasal ghal konkluzjoni illi dik inhar li saret l-ispezzjoni fl-1 ta’ Awwissu, 2009 fl-istabbiliment gestit mill-appellant kienu qeghdin jintuzaw basktijiet mhux konformi mal-Kap 473 tal-Ligijiet ta’ Malta. Hu principju stabbilit fil-Gurisprudenza tal-Qorti ta’ l-Appell Kriminali li ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall- konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevalment u legalment tasal ghal konkluzjoni illi waslet ghaliha. Din il-Qorti ghamlet tali apprezzament, ezaminat il-provi kif ukoll l-argumenti ta’ l-ewwel Qorti u jidhrilha illi dawn kienu ragonevoli u legali u ghalhekk mhux il-kaz illi tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti taqta’ u tiddeciedi li tichad l-appell u tikkonferma s-Sentenza appellat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------